

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tosserva li, fl-ewwel lok, fl-Italja t-tobba kollha li jaħdmu mas-servizz tas-saħħa nazzjonali huma kklassifikati uffiċjalment bħala "eżekuttivi" mil-leġiżlazzjoni u mill-ftehimiet kollettivi nazzjonali relatati ma' dan is-servizz, mingħajr ma jibbenefikaw neċessarjament minn prerogattivi eżekuttivi jew minn awtonomija fir-rigward tal-ħin tax-xogħol tagħhom. Fit-tieni lok, l-awtoritajiet Taljani ma kinux f'pożizzjoni li juru li, minkejja li huwa eskluż mid-dritt għal mistrieħ ta' kuljum ta' 11-il siegħa konsekuttiva, il-persunal tas-saħħa tas-servizz tas-saħħa nazzjonali xorta jibbenefika, immedjatament wara t-tmiem tal-perijodu ta' xogħol, minn perijodu adegwat ta' mistrieħ kumpensatorju kontinwattiv.

(¹) Id-Direttiva 2003/88/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (L-Ungerija) fit-18 ta' Marzu 2014 – Iron & Smith vs Unilever NV

(Kawża C-125/14)

(2014/C 175/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Törvényszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Iron & Smith

Konvenut: Unilever NV

Domandi preliminari

- 1) Għall-finijiet tal-prova tar-reputazzjoni ta' trade mark Komunitarja fis-sens tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2008/95/KE biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (¹) (iktar 'il quddiem: id-"Direttiva"), huwa suffiċjenti li din it-trade mark tkun tgawdi minn reputazzjoni fi Stat Membru wieħed, inkluż il-każ fejn l-applikazzjoni għal trade mark nazzjonali, li fir-rigward tagħha tkun saret l-oppożizzjoni fuq il-bażi ta' din ir-reputazzjoni, tkun ġiet ippreżentata f'pajjiż ieħor li ma jkunx l-Istat Membru inkwistjoni?
- 2) Fil-kuntest tal-kriterji territorjali użati fl-eżami tar-reputazzjoni ta' trade mark Komunitarja, jista' jsir użu mill-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-użu ġenwin tat-trade mark Komunitarja?
- 3) Meta l-proprjetarju tat-trade mark Komunitarju preċedenti jkun ipprova r-reputazzjoni tat-trade mark tiegħu f'pajjiżi – li jkopru parti sostanzjali mit-territorju tal-Unjoni Ewropea – li ma jinkludux l-Istat Membru fejn ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal trade mark nazzjonali, jista' dan jiġi obbligat, minkejja dan il-fatt, li jressaq prova konklużiva wkoll fir-rigward ta' dan l-Istat Membru?
- 4) Fil-każ li r-risposta għad-domanda preċedenti tkun negattiva, jista' jkun il-każ, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-suq intern, li trade mark li tkun ġiet użata b'mod intensiv f'parti sostanzjali mill-Unjoni Ewropea ma tkunx magħrufa mill-pubbliku nazzjonali rilevanti u li, minħabba f'hekk, it-tieni kundizzjoni meħtieġa għar-raġuni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni prevista fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva ma tkunx ġiet issodisfatta, jiġifieri ma jkunx hemm probabbiltà li t-trade mark nazzjonali tiegħu vantaġġ żleali mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni ta' din it-trade mark preċedenti jew li tippreġudikahom; u jekk iva, liema huma l-elementi li tagħhom il-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja għandu jgħib il-prova sabiex il-kundizzjoni hawn fuq imsemmija tkun issodisfatta?

(¹) Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 299, p. 25)